Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,725, 29 ta' April, 1980

Taqsima B

A.L. 46 ta' l-1980

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 15)

Regoli ta' l-1980 dwar in-Notifika ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 186 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri, tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, u tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, għamel ir-regoli li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1980 dwar in-Notifika ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta u għandhom jibdew iseħħu fil-15 ta' Mejju, 1980.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli "atti ġudizzjarji" tfisser kull att jew skrittura preżentata fir-Reġistru ta', jew li toħroġ minn, xi qorti, tribunal jew bord f'Malta, u kull att jew skrittura preżentata fi, jew li toħroġ minn, xi qorti, tribunal jew bord barra minn Malta, li tista', bis-saħħa ta' xi liġi jew konvenzjoni, tiġi notifikata lil xi persuna f'Malta, iżda ma tinkludix il-mandati u l-ordnijiet imsemmija fit-Titlu VII tat-Tieni Ktieb u fit-Titlu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Notifika bil-posta.

3. In-notifika ta' atti ġudizzjarji għandha, kemm-il darba l-Qorti ma tordnax xort'oħra, issir bil-posta reġistrata, u għandha ssir applikazzjoni għal avviż ta' konsenja meta jsir l-impustar:

Iżda r-Reġistratur jista', meta tingħata raġuni xierqa fuq talba tal-parti li tippreżenta l-att ġudizzjarju, jordna li n-notifika ssir mill-uffiċjali tal-Qorti nkarigati min-notifika ta' atti ġudizzjarji.

L-atti għandhom jingħalqu f'invilopp.

4. Il-kopji ta' l-atti ġudizzjarji li jkunu se jiġu notifikati bil-posta kif intqal qabel għandhom jingħalqu ġo invilopp li jkollu l-kliem "Att Ġudizzjarju" f'post fejn jidher sewwa.

Dmirijiet ta' l-uffiċjali nkarigati min-notifika.

5. Meta n-notifika tkun se ssir bil-posta, l-uffiċjali tal-Qorti li jkollhom id-dmir li jinnotifikaw atti ġudizzjarji, għandhom —

(a) iħejju d-dokumenti postali meħtieġa għal dik in-notifika, u jippreżentaw l-invilopp relattiv bl-iskrittura magħluqa ġo fih fl-uffiċċju tal-posta;

(b) jinnotaw f'reġistru miżmum għal hekk, il-partikolaritajiet fl-att ġudizzjarju msemmi fl-artikolu 174 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, id-data tal-preżentata fir-Reġistru u n-numru ta' l-Uffiċċju tal-Kaxxier tar-Reġistru immarkat fuq l-att ġudizzjarju, in-numru mogħti mill-awtoritajiet tal-posta lill-invilopp li fih ikun ġie magħluq l-att ġudizzjarju biex jiġi mpustat, u, jekk in-notifika tkun saret, id-data ta' dik in-notifika u d-data meta jiġi lura l-avviż tal-konsenja;

(ċ) jagħmlu ċertifikat fejn jingħad jekk in-notifika saritx jew le. Il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom jidħlu fiċ-ċertifikat;

(d) jgħarrfu lill-parti li tippreżenta l-iskrittura, jew lill-avukat jew prokuratur legali tagħha, jekk in-notifika tkunx saret jew le, u, jekk tkun saret, meta.